

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2015 – European Dynamics Luxembourg et vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-536/11) <sup>(1)</sup>

**(“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta’ sejħa għal offerti — Provvista ta’ servizzi informatiċi ta’ żvilupp u ta’ manutenzjoni ta’ softwer, ta’ konsulenza u ta’ assistenza għal tipi differenti ta’ applikazzjonijiet informatiċi — Klassifika tal-offerta ta’ offerent fil-kaskata għal diversi lottijiet u klassifika tal-offerti ta’ offerenti oħra — Obbligu ta’ motivazzjoni — Kriterju ta’ għoti — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Responsabbiltà mhux kuntrattwali”)**

(2015/C 279/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** European Dynamics Luxembourg SA (Ettelbrück, il-Lussemburgu); European Dynamics Belgium SA (Brussell, il-Belġju); u Evropaiki Dynamiki – Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: N. Korogiannakis, M. Dermizakis u N. Theologou, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment S. Delaude u V. Savov, sussegwentement S. Delaude, aġenti, assistiti minn O. Graber-Soudry, solicitor)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, tat-22 ta' Lulju 2011, li tikklassifika lir-rikorrenti, għall-offerti tagħhom ippreżentati fir-rigward tas-sejħa għal offerti AO 10340, dwar il-provvista ta' servizzi informatiċi ta' żvilupp u ta' manutenzjoni ta' softwer, ta' konsulenza u ta' assistenza għal tipi differenti ta' applikazzjonijiet informatiċi (ĠU 2011/S 66-106099), fit-tielet pożizzjoni fil-kaskata għal-lott Nru 1, fit-tielet pożizzjoni fil-kaskata għal-lott Nru 4 u fit-tieni pożizzjoni fil-kaskata għal-lott Nru 3, kif ukoll tad-deċiżjonijiet li jagħtu l-kuntratti inkwistjoni lil offerenti oħra sa fejn dawn jirrigwardaw il-klassifika tagħhom u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) European Dynamics Luxembourg SA, European Dynamics Belgium SA u Evropaiki Dynamiki – Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE huma kkundannati għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 355, 3.12.2011

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 8 ta' Lulju 2015 – Deutsche Rockwool Mineralwoll vs UASI Ceramicas del Foix (Rock & Rock)**(Kawża T-436/12) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva Rock & Rock — Trade marks nazzjonali preċedenti MASTERROCK, FIXROCK, FLEXIROCK, COVERROCK u CEILROCK — Raġuni assoluta għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]**

(2015/C 279/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Deutsche Rockwool Mineralwoll GmbH & Co. OHG (Gladbeck, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Krenzel, avukat)